KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**7/11**

**Il-ħdax (11) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 6 ta' Ottubru, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużati:** | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |

**AGENDA:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-Għaxar Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti
4. Approvazzjoni
   - Skeda ta' pagamenti
   - Purchase Orders
   - Works Orders
   - Petty Cash
5. Korrispondenza u Proposti
6. Kommunikazzjoni mis-Sindku
7. Ilmenti
8. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Għaxar Laqgħa**

Il-minuti tal-għaxar (10) tal-Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajjmu mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li wassal iż-żmien sabiex jinbidlu l-katnazzi tal-entratura tat-Tarġa Battery u tad-ditch. Il-membri qablu unanimament.

3.2 Is-sindku nforma lill-membri sabiex il-Kunsill jibgħat email formali jew ittra lil Transport Malta sabiex isir it-traffic management ġdid ta Triq il-Kungress Ewkaristiku.

3.3 Il-Kunsillier Alex Muscat talab lis-Sindku il-linji gwida u regolamenti ta Ġieħ il-Mosta jingħaqdu flimkien u jkunu evalwati. Is-sindku qabel ma din il-proposta u għaldaqstant nforma lill-Viċi Sindku sabiex jiskata b'dan il-proċess ħalli għas-sena dieħla r-regolamenti jkunu vverifikati . Il-membri qablu unanimament.

3.4 Għaldaqstant kien deċiż sabiex dawn ir-regolamenti jkunu miġbura u jkun ċar kif ser ssir il-votazzjoni. F'dan ir-rigward intlaħaq ftehim sabiex isir konsultazzjoni mal-għaqdiet permezz tal-laqgħa.

3.5 Il-Kunsill qabel li jsir xogħol fuq żieda ta spralli fl-isqaq mgħaruf bħala *'Il-Ħanqa'* fejn diġa hemm culverts.

**4. Approvazzjoni**

**4.1 Skeda ta pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.2 Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.3 Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**4.4 Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**

**5. Korrispondenza u Proposti**

**5.1 Korrispondenza Nru 1 – Proġett fuq Kappella tal-Wejda**

Il-Kunsill laqa' din it-talba biex jissieħeb f'dan il-proġett mal-Gvern u l-Parroċċa u approva din l-istima tal-materja li hija ta 1550 Ewro għal dan il-proġett tal-Kappella tal-Wejda.

**5.2 Korrispondenza Nru 2 – Case 449/15 Kunsill Lokali Mosta Proposti**

Il-Kunsill qara risposta mingħand Dipartiment rigward suġġett imsemmi hawn fuq. Il-kunsill ħa nota ta din il-korrispondenza.

**5.3 Korrispondenza Nru 3 – Applikazzjoni għall-Lampa Ġdida**

Il-Kunsill approva li ssir l-applikazzjoni għal żewġ lampi ġodda parti minn triq ir-Rebbiegħa li taċċedi ma Triq Valletta. Il-Kunsill qabel li l-ewwel tintalab stima.

**5.4 Korrispondenza Nru 4- Application for advertisements on street furniture**

Il-Kunsill approva din l-applikazzjoni.

**5.5 Korrispondenza Nru 5 – Bus Service**

Il-kunsill qara din il-korrispondenza fejn il-Kunsill ġie mgħarraf minn Transport Malta li kif jibdew ir-Rotot Ġodda. Il-Kunsill qabel li jressaq suġġeriment sabiex rotta 44 li tgħaddi miż-żona ta San Pawl tal-Qlejja u Ta' Xkora .

**5.6 Korrispondenza Nru 7 – Każ Nru 489/15 Permessi ta Scaffolding**

Il-Kunsill qara il-linji gwida li bagħat id- Dipartiment fuq is-suġġett ta hawn fuq . Il-Kunsill ħa nota ta din il-korrispondenza.

**5.7 Korrispondenza Nru 8 – Memo 26/2015 – Delega tal-infurzar lill Agenzija LESA**

Il-Kunsill qara Memo 26/2015 fejn nforma lill-Kunsill illi b'effett mill-1 ta' Ottubru 2015 id-delega tal-infurzar lokali ser tgħaddi għand l-aġenzija mwaqqfa apposta bl-isem Local Enforcement System Agency. Il-Kunsill ħa nota ta din il-korrispondenza.

5.8 **Korrispondenza Nru 9 – Ittra re indafa pubblika f'diversi toroq fil-Mosta**

Il-Kunsill ressaq din il-korrispondenza rigward l-indafa f'diversi toroq fil-Mosta speċjalment ħmieġ tal-annimali, terrepien, ħaxix ħażin eċċ. Il-Kunsill għandu jitkellem mal-kuntrattur fuq dawn l-ilmenti.

5.9 **Proposta Nru 1 sa proposta Nru 14**

Dawn ġew diskussi fil-laqgħat preċedenti.

**6.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**6.1** Is-Sindku preżenta fuq il-mejda tal-Kunsill is-suġġerimenti li kienu mogħtija mir-residenti tal-Bidnija li kienu preżenti għal laqgħa pubblika u ta' konsultazzjoni maż-żoni li saret il-Ħamis 3 ta' Settembru 2015. Fost l-oħrajn kien hemm qbil li ssir rinfriskar ta sinjal abjad fin-nofs ta triq.

**6.2** Is-Sindku ressaq ukoll is-suġġerimenti li kienu mogħtija waqt laqgħa ta konsultazzjoni pubblika li saret dwar l-Indafa Pubblika fil-Mosta nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2015.

**6.3** Is-Sindku ssuġerixxa li data tal-ikla tal-Milied issir nhar il-Ħadd 6 ta Diċembru 2015 ġewwa Oceana Restaurant Hilton San Giljan.

**6.4** Is-Sindku nforma lill-kunsill li ntbagħtu diversi ittri:

**6.4.1** Lir-residenti rigward laqgħa ta konsultazzjoni pubblika dwar l-indafa tal-Mosta li saret il-Ħamis 1 ta' Ottubru 2015.

**6.4.2** Ittra lir-residenti ta Santa Margerita għal laqgħa ta konsultazzjoni li għandha ssir nhar il-Gimgħa 9 ta' Ottubru.

**6.4.3** Ittra lir-residenti ta żona ta Sriedak rigward ilmenti fuq il-ħmieġ tal-klieb kif ukoll fuq l-iskart domestiku.

**6.4.4** Ittra lil ġenituri ta studenti li jgħixu fil-Mosta fil-Mosta u li huma membri tal-Kumitat Eko Skola fl-iskejjel rispettivi tagħhom. Li ser ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 2015.

Ittra għal laqgħa għal dawk li jaħdmu fiż-żona industrijali ta' Targa Gap.

**6.4.5** Ittra lil għaqdiet tal-volontarjat u skejjel fil-Mosta rigward attivita ta tindif u tħawwil ta siġra f'Wied il-Għasel miż-żgħażagħ Mostin li ser issir fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru bejn il-24 u 31 ta Ottubru. kif ukoll diversi skejjel fil-

Mosta li jagħmlu parti mill-Kulleġġ Marija Regina fejn kull skola ser tkun mogħtija 50 sigra .

**6.4.6** Ittra lis-sidien tan-negozji fil-Mosta li ser ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015.

**6.4.7** Inkitbet ittra mill-avukat tal-Kunsill lill Kummissarju ta' l-Artijiet rigward il-kuntratt ta devoluzzjoni ta' proprjeta appartenenti lill-Gvern dwar Tarġa Gap Battery.

**6.4.8** Inkitbet ittra mill-avukat tal-Kunsill lill Kummissarju ta' L-Artijiet rigward żewġ għelieqi fil-lokalita tal-Mosta li mhumiex konformi mal-Liġi.

**6.4.9** Inkitbet ittra mill-avukat tal-Kunsill sabiex ikollu l-permessi kollha neċessarji ħalli jkunu żviluppati u amministrati dawn is-siti għal numru ta snin mill-privat bl-iskema ta PPP.

**7.0 Ilmenti**

| Nru | Rimarki |
|---|---|
| 032 | Is-sindku kif ukoll il-handyman tal-kunsill is-Sur Philip Azzopardi għandhom imorru fuq il-post biex jiċċekkjaw. |
| 033 | Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lil Transport Malta biex isisru zebra crossings lines jew pelican lights fi Vjal Indipendenza biex ir-residenti jkunu jistgħu jaqsmu triq mill-blata l-għolja. |
| 034 | Il-Kunsill qabel li għandhom jinħarġu kwotazzjonijiet. |
| 035 | Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb ittra lil transport malta biex din it-triq Sir Arthur Borton isir one way l-ġewwa biss lejn iż-żona industrijali. |
| 036 | Il-Kunsill qabel li jara kemm tiġi somma qabel ma jibda jsir ix-xogħol. |

**8.0 Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar it-**Tlieta 27 ta' Ottubru 2015 fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fil-10.45 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 27/10/2015

**Centru Civiku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, MST 9059 - Malta**
**Tel: 2141 6841 Fax: 2141 0245**
**E-Mail: mosta.lc@gov.mt**